Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,208, 6 ta' Ġunju, 2019

Taqsima B

A.L. 120 tal-2019

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.05.

Jemenda lis-Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.


2. Minnufih wara l-paragrafu (e) tal-partita B tat-Taqsima III ta' lis-Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(f) Dan is-sinjal jagħti t-tagħrif li l-post huwa strettament u esklussivament riżervat għall-ipparkjar ta' vetturi ta' *car sharing* li jkollhom in-numru ta' reġistrazzjoni appożitu għall-vetturi ta' *car sharing* u *sticker* appożita maħruġa mill-Awtorità mwaħħla fuq il-*windscreen* tagħhom. Dan is-sinjal jagħti tagħrif ukoll illi vetturi li jigu parkeġġjati illegalment f'dan il-post jigu mneħħija.



ELECTRIC VEHICLE
CHARGING STATION

(g) Dan is-sinjal jagħti t-tagħrif li l-post huwa strettament u esklussivament riżervat għall-ipparkjar ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku li jagħmlu użu minn *charging pillars* għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Dan is-sinjal jagħti tagħrif ukoll illi vetturi li jigu parkeġġjati llegalment f'dan il-post jigu mneħħija.



E-CAR SHARING

".